31999D0645

30.9.1999 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 255/40

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
tal-15 ta' Settembru 1999
dwar Regolament tekniku komuni għall-ħtiġijiet ta' konnessjoni għall-aċċess TETRA għas-servizzi ta' emerġenza

(notifikat bid-dokument numru K(1999) 2987)

(Test b'relevanza ŻEE)

(1999/645/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 98/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 1998 li tirrelata mat-tagħmir terminali ta' telekomunikazzjonijiet u tagħmir ta' stazzjoni terrestri tas-satellita, inkluż r-rikonoxximent reċiproku tal-konformità tagħhom [1], u b'mod partikolari Artikolu 7(2), it-tieni inċiż tagħha,

(1) Billi l-Kummissjoni adottat il-miżura li tidentifika t-tip ta' tagħmir terminali li għalih regolament tekniku komuni huwa meħtieġ, kif ukoll dikjarazzjoni ta' l-iskop assoċjat skond Artikolu 7(2), l-ewwel inċiż;

(2) Billi l-i *standards* armonizzati li jikkorrispondu, jew partijiet minnhom, li jimplimentaw il-ħtiġijiet essenzjali li jridu jiġu mibdula f'regolamenti tekniċi komuni għandhom jiġu adottati;

(3) Billi biex tiġi żgurata konformità fl-aċċess għas-swieq mill-manifatturi, huwa meħtieġ li jiġu permessi arranġamenti tranżitorji dwar tagħmir approvat skond ir-regolamenti tal-approvazzjoni tat-tip nazzjonali;

(4) Billi l-proposta kienet intbagħtet lill-Kumitat (ACTE), skond Artikolu 29(2);

(5) Billi r-regolament tekniku komuni li għandu jiġi adottat minn din id-Deċiżjoni jaqbel ma l-opinjoni ta' l-ACTE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għal tagħmir terminali maħsub biex jiġi konness ma' network pubbliku ta' telekomunikazzjonijiet u li jaqa' fil-qasam ta' applikazzjoni ta' l-i *standard* armonizzat riferit f'Artikolu 2(1).

2. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi regolament komuni tekniku li jkopri l-ħtiġijiet ta' tqabbid għal tagħmir TETRA li jaċċessa servizzi ta' emerġenza fil-bands ta' frekwenza 380 MHz sa 383 MHz u 390 MHz sa 393 MHz.

Artikolu 2

1. Dan ir-regolment tekniku komuni għandu jinkludi l-i *standard* armonizzat imħejji mill-korp ta' standardizzazzjoni relevanti li jimplimenta sal-limitu applikabbli l-ħtiġijiet essenzjali li għalihom jirreferi Artikolu 5(ċ), sa 5(f) tad-Direttiva 98/13/KEE. Ir-riferenza għall-i *standard* hija mniżżla fl-Anness.

2. It-tagħmir terminali kopert b'din id-Deċiżjoni għandu jikkonforma mar-regolament komuni tekniku li hemm referenza għalih fil-paragrafu 1, għandu jilħaq il-ħtiġijiet essenzjali li hemm referenza għalihom f'Artikolu 5(a) u (b) tad-Direttiva 98/13/KEE, u għandu jilħaq il-ħtiġijiet ta' kull Direttiva oħra applikabbli, partikolarment id-Direttivi tal-Kunsill 73/23/KEE [2] u 89/336/KEE [3].

Artikolu 3

Il-korpi notifikati nominati biex iwettqu il-proċeduri li għalihom jirreferi Artikolu 10 tad-Direttiva 98/13/KEE għandhom, fir-rigward ta' tagħmir terminali kopert b'Artikolu 1(1) ta' din id-Deċiżjoni, jużaw jew jiżguraw li jiġu wżati l-i *standards* armonizzati li hemm referenza għalihom fl-Anness bid-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

1. Regolamenti ta' l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali li jkopru tagħmir fil-qasam ta' applikazzjoni tal-istandard armonizzat riferut fl-Anness għandu jiġi mħassar b'effett mill-15 ta' Diċembru 1999.

2. Tagħmir terminali, approvat b'dawk ir-regolamenti ta' approvazzjoni tat-tip nazzjonali jista jitkompla jitqiegħed fis-suq jew jintuża.

[1] ĠU L 74, tat-12.3.1989, p. 1.

[2] ĠU L 77, tas-26.3.1973, p. 29.

[3] ĠU L 139, tat-23.5.1989, p. 19.

Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussel, fil-15 ta' Settembru 1999.

Għall-Kummissjoni

Karel VAN MIERT

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Riferenza għall-i standard armonizzat applikabbli

L-i *standard* armonizzat li għalih jirreferi Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni huwa:

Aċċess ta' emerġenza bir-radju *trunked* terrestri (TETRA)

ETSI

Istitut Ewropew għall-Istandards tat-Telekommunikazzjonijiet

Segretarjat ETSI

TBR23: Settembru 1998

(eskluži d-daħliet u s-sezzjonijiet 4.2.2, 5.4.2 u A.2.3)

Tagħrif addizzjonali:

L-Istitut Ewropew ta' l-Istandards tat-Telekomunikazzjonijiet huwa rikonoxxut skond id-Direttiva 98/34/KE tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew [1].

L-istandard armonizzat riferit hawn fuq kien ġie prodott skond il-mandat maħruġ skond il-proċeduri rilevanti tad-Direttiva tal-Kunsill 98/34/KEE.

It-test sħiħ tal-istandard armonizzat riferit hawn fuq jista

jinkiseb mill-European Telecommunications Standards Institute,
650, route des Lucioles,
F-06921 Sophia Antipolis Cedex

jew

Kummissjoni Ewropea
DG XIII/A/2 - (BU 31 1/7),
Rue de la Loi/Wetstraat 200
B-1049 Brussel,

jew minn kull organizzazzjoni oħra responsabbli, li tagħmel disponibbli l-istandards ETSI li tagħhom lista tista tinstab fuq l-Internet bl-indirizz www.ispo.cec.be.

[1] ĠU L 204, tal-21.7.1998, p. 37.